MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 422/1989/1

**Victor Petroni, ghan-nom u fl-interess tal-Kumpanija ‘V. Petroni Limited’**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, moghtija fl-4 ta’ Frar, 2000 u li tghid hekk:

“Rat ir-rikorsipprezentat minn Victor Petroni ghan-nom u fl-interess tal-Kumpanija 'V. Petroni Limited' fl-20 ta' April 1989, illi fih huwa espona:-

Illi l-esponent kien importa, (fost affarijiet ohra li fuqhom ma hemmx kwistjoni) hamsa u erbghin 'Fisher Monitors' kif indikat fis-*seizure note* Dok. "A" li kopja fotostatika taghha qed tigi hawn esebita;

Illi l-intimat ddikjara illi l-oggetti murija ma jaqblux mad-dikjarazzjoni (*customs entry*) sottomessa mir-rikorrent, f'dik li hi denominazzjoni u rata ta' dazju, u wkoll ma jaqblux ma' l-*invoice*, u ghadda biex qabadhom skond l-artikoli 18 u 61 ta' l-Ordinanza tad-Dwana;

Illi huwa qed jikkontesta dik id-decizjoni, u b'ittra datata 22 ta' Marzu 1989, ghamel *claim* ghal dawn l-oggetti a tenur tal-ligi;

Illi inoltre, b'ittra ufficjali tal-11 ta' April 1989, huwa rega interpella lill-intimat biex jirrilaxxja l-oggetti maqbuda;

Illi l-Kontrollur ma ndikax li behsiebu jirrestitwixxi l-oggetti maqbuda, u ghalhekk kellha ssir din il-procedura;

Illi meta l-oggetti in kwistjoni gew spezzjonati minn rapprezentanti tal-Wireless Telegraphy dan ikkonkluda li s-*sets* ma kienux *monitors* izda *televisions* minghajr *tuner*. L-importazzjoni ta' *Televisions* hi pprojbita.

Illi l-lanjanza ta' l-esponent hi fis-sens li l-oggetti importati huma *Monitors* mhux *Televisions*. Id-differenza bejn *monitor* u *television* tikkonsisti filli *monitor* ma huwiex *receiving apparatus*, u hu inkapaci li qatt jircievi xi sinjali. B'zieda ta' *tuner, monitor* ma jibqax tali, izda jsir *television.* Dan japplika ghal kwalunkwe *monitor* ezistenti. L-importazzjoni ta' *monitors* ma hijiex ipprojbita, u l-esponent ma jistax jaccetta li billi *monitor* jista' jizdiedlu *tuner* u b'hekk isir *television*, allura l-oggetti importati huma *Televisions*, u jissottometti li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqis il-*complaint* tieghu bhala gustifikata.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joqghobha tilqa' it-talba tieghu ghar-rilaxx favur ir-rikorrent ta' l-oggetti mill-intimat.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Kontrollur tad-Dwana li fiha huwa espona:-

Illi kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent it-*Televisions* in kwistjoni li waslu Malta fuq l-Espresso Ravenna fit-3 ta' Dicembru, 1987 ma kienux kif indikati mir-rikorrent *Monitors*, izda fil-fatt huma kif certifikat mic-*Chief Inspector of Wireless Telegraphy* settijiet tat-*Television* bit-*tuner* nieqes;

Illi skond id-disinn u l-ghamla taghhom dawn zgur huma *colour television sets* u mhux *monitors*;

Illi ghaldaqstant is-*seizure* relattiva saret skond il-ligi u t-talba tar-rikorrent kellha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-Digriet taghha tat-3 ta' Novembru 1989 li permezz tieghu gie nominat bhala espert legali Dr Joe Mary Ciappara biex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi tar-rikorrenti, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-Digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 1991 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku Victor Debono biex jassisti lill-imsemmi espert legali Dr Joe Mary Ciappara;

Illi skond ma jidher mill-verbal 16 ta' Ottubru 1992, l-espert legali informa l-Qorti illi l-espert tekniku kien ghamel il-kostatazzjonijiet kollha necessarji u kien anke ghadda lill-istess espert legali r-rapport, pero` huwa gie nieqes wara dan; l-intimat ma qabilx li ssir riferenza ghall-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel perit tekniku u talab li jkun hemm nomina ta’ persuna ohra peress li r-rapport kien ghadu mhux ikkonfermat, u bhala konsegwenza fil-5 ta'

Frar 1993 l-inkarigu li kien gie moghti lill-imsemmi Victor Debono, li kien gie nieqes, gie mghoddi lil Joseph Galea;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess esperti mqabbdin mill-Qorti, li jinsab a fol 41 *et sequitur* tal-process u li gie minnhom debitament ikkonfermat fl-Udjenza tat-13 ta' Ottubru 1993;

Rat in-nota ta' l-intimat illi in segwitu ghal konferma tar-rapport peritali, talab li jigu mahtura periti perizjuri fl-istess rikors;

Rat id-Digriet taghha tat-13 ta' Ottubru 1993 li permezz tieghu gew nominati Thomas Manche`, Dr. Joe Micallef Stafrace u Joseph Lanzon bhala periti addizzjonali bis-soliti fakoltajiet;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmija tlett periti addizzjonali li jinsab a fol 87 *et sequitur* tal-process u li gie minnhom debitament konfermat fl-Udjenza tat-3 ta' April 1998;

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors flimkien ma' l-atti pprezentati fir-rikors l-iehor fl-istess ismijiet bin-numru 637/89 u li gie pprezentat fl-20 ta' Gunju 1989;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi dan huwa rikors li ilu pendenti aktar minn ghaxar snin u wiehed irid jifli sewwa l-andament ta' din il-kawza u l-verbali li saru biex jifhem kif rikors bhal dan seta' jdum tant zmien;

Illi l-Qorti qed taghmel dina l-premessa peress illi dan kien rikors li jirrigwarda kwantita` ta' apparat elettroniku li gie importat mir-rikorrent u ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar jekk l-apparat kellux jigi kklassifikat bhala *monitor* jew inkella bhala *television*; ir-rilevanza ta' din id-distinzjoni gejja mill-fatt li waqt li l-importazzjoni ta'

*televisions* kienet ipprojbita, dik tal-*monitors* ma kienetx; ghalhekk jidher evidenti li kull ma kellu jsir kien spezzjoni ta' l-imsemmi apparat minn nies teknici biex jigi deciz jekk dak l-apparat kellux jigi kkonsidrat bhala *monitors* jew inkella bhala *televisions*;  ghal dina d-decizjoni dan ir-rikors flimkien ma' l-iehor li gie pprezentat ftit xhur warajh ilhom aktar minn ghaxar snin;

Illi fl-ewwel rapport ta' l-esperti li kien ipprezentat fit-13 ta' Ottubru 1993 il-perit tekniku Joseph Galea issottometta illi: "*the equipment had appropriate factory design and work for it to function specifically as a monitor only*" u inoltre zied jghid: "*it would in fact take professional modificatory work through adequate soldering and tempering with factory design, with adequate components, knowledge and information from qualified personnel to fit a tuner unit to the equipment*";

Oltre din id-dikjarazzjoni cara ta' l-espert tekniku, kif gustament irrileva l-abbli relatur, flimkien mal-konsenja tal-*monitors* imsemmija ir-rikorrent kien importa wkoll *computers* li kienu *compatible* mal-*monitors* minnu importati u li fuqhom hemm dan ir-rikors odjern; dana qed jinghad barra mill-punt sollevat mill-istess rikorrent illi ftit qabel l-istess awtoritajiet kienu ppermettewlu jimporta *monitors* simili minghajr ma qamet il-kwistjoni li l-Kontrollur tad-Dwana ssolleva b'dan l-oggetti fit-tieni konsenja;

Illi wara dan ir-rapport peritali l-intimat Kontrollur tad-Dwana talab il-hatra ta' periti perizjuri li in segwitu lestew ir-rapport ulterjuri taghhom li gie konfermat fit-3 ta' April 1998;

Illi huma mill-gdid spezzjonaw u zarmaw l-appartat elettroniku importat mir-rikorrent, u l-konkluzjoni taghhom kienet illi: "jaqblu pjenament ma' dak li spjega u kkonkluda l-ewwel perit tekniku";

Illi biex jispjegaw fi ftit kliem il-konkluzzjoni taghhom huma stqarrew: "is-*set* li gie spezzjonat kien *chassis* ta' *monitor*, u dan bhala haga *standard*, u is-sitwazzjoni kienet ferm

differenti milli ppretenda l-intimat li b'semplici tqeghid f'postu ta' *tuner* dak l-apparat kien isir *television*. Kien jidher li l-post ta' *tuner* kien imblukkat waqt il-process tal-fabbrikazzjoni";

Illi aktar minn sena u nofs wara l-prezentata ta' dina r-relazzjoni l-intimat talab li jipprezenta nota ta' kritika ghar-rapport peritali u l-Qorti laqghet dina t-talba u awtorizzat il-prezentata ta' l-imsemmija nota li kellha ssir sal-15 ta' Jannar 1999;

Illi din in-nota ma' gietx ipprezentata u proprju fl-ahhar gurnata ta' dan it-terminu mghoti mill-Qorti, l-intimat ipprezenta rikors fejn talab li jigi awtorizzat jipprezenta affidavit ta' ufficcjal tad-Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili, li nonostante is-snin kollha li ghaddew u l-istadji kollha li segwiet din il-kawza, l-intimat issottometta illi dan d-Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili ma kienx ghadu ta x-xhieda tieghu, kif ukoll ried jesebixxi diversi dokumenti dipartimentali; issottometta li l-kawza ma kienetx tiddependi mid-decizjoni ta' natura teknika izda anke dwar jekk ir-rikorrent kellux licenzja ghal importazzjoni valida;

Illi l-Qorti, nonostante l-istat ghal kollox inaltrat tar-rikors simili, wara li kkonsidrat iz-zmien twil illi kienet ilha pendenti din il-vertenza, laqghet it-talba;

Illi f'dan l-affidavit Martin Spiteri li ghandu l-kariga ta' Manager Radio Communication Services fid-Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili stqarr illi wara li dahlu dawn l-appartat elettroniku "it-taqsima giet mitluba biex tispezjona din il-merkanzija. Mar jispezzjonahom Michael Falzon, li dak iz-zmien kien jahdem bhala *technician* mat-Taqsima, u sab li kienu televizzjonijiet tal-kulur u ghalhekk ma setghax jirrakkomanda rilaxx. Imbaghad kont mort jiena stess ma' Michael Falzon u ezaminajt din il-konsenja mas-Sur J Ciappara, Ufficcjal tad-Dwana, u s-Sur E. Caruana, Gwardjan tad-Dwana. Mill-ispezzjoni tieghi nikkonferma li dawn kienu kollha televizzjonijiet tal-kulur li kellhom it-*tuner* imnehhi.";

Illi l-Qorti ikkonsidrat dina d-dikjarazzjoni li giet ipprezentata fi stadju ahhari ta' dawn il-proceduri, izda fil-fatt kienet tirrizulta mic-cirkostanzi kollha li wasslu ghal dan il-kaz u kien minhabba f'dan li gew nominati diversi drabi esperti mill-Qorti, esperti li gew ukoll accettati mill-istess intimat u li taw konkluzzjoni diametrikament opposta ghal dak li qed isemmi li ttiehdet mid-dipartiment; veru li Martin Spiteri rega pprova jaghti l-istess spjegazzjonijiet; anki il-Qorti, ghalkemm ma hix wisq teknika, pero` c-cirkostanzi rrizultawlha b'mod car mir-rapporti li gew ipprezentati; anke esebixxa *diagrams* relattivi ghal xi jkun fih sett tat-*television*, u l-Qorti thossha tassew skantata kif nonostante ir-rapporti cari ta' l-esperti gudizzjarji, l-istess Martin Spiteri jghid "din il-procedura tiehu biss ftit minuti u ma tirrikjedi l-ebda modifikazzjoni fuq is-sett"; m'hemmx ghalfejn wiehed izid li l-Qorti innominat lill-esperti proprju biex jghinuha tasal ghall-konkluzzjoni dwar dawna l-fatti;

Illi r-rikorrent kien oppona ghal presentata ta’ dawn id-dokumenti permezz ta' risposta pprezentata fis-6 ta' April 1999 principalment ghaliex certament, f’rikors simili, il-prezentata ta' affidavit fi stadju hekk avvanzat tmur kontra ir-regoli tal-procedura; pero` dwar dan il-Qorti diga` ghamlet referenza aktar 'il fuq f'dina d-decizjoni.

Il-Qorti, pero` taqbel ma' l-ewwel paragrafu ta' l-imsemmija risposta fejn il-Qorti giet mitluba taghmel referenza ghar-risposta li kien ta l-intimat meta kien ipprezentat ir-rikors promotorju u li tinsab a fol 8 tal-process; minn din ir-risposta jidher car li l-intimat insista li kontrarjament ghal dak li allega ir-rikorrent l-apparat importat ma kienx *monitors* imma kienu *televisions*, u li kienu skond id-disinn u l-ghamla taghhom *televisions* tal-kulur u mhux *monitors* u li ghaldaqstant is-*seizure note* relattiva saret skond il-ligi;

Illi b’dana kollu, anki wara li l-Qorti laqghet it-talba tardiva ta’ l-intimat u hadet konjizzjoni tal-kontenut, l-intimat fit-2 ta’ Dicembru 1999 ipprezenta wkoll nota ta’ sottomissjonijiet biex ikun esawrixxa l-provi u s-sottomissjonijiet kollha tieghu, almenu f’din is-sede; ghal

darba ohra fiha rega' irrefera ghall-permessi ghalkemm issottometta li "jekk is-settijiet kienu televizjonijiet, il-Kontrollur tad-Dwana ma setax jirrilaxxahom, u dan minhabba l-fatt li tali merkanzija kienet tehtieg l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili, liema awtorizzazzjoni kienet mizmuma."

Illi l-intimat rega' stqarr li l-esperti kollha kienu zbaljati ghal kollox; insista li: "ma kienx il-kaz li dawn is-settijiet hargu mill-fabbrika minghajr *tuner*, izda it-*tuner* kien hemm u tnehha." Dan gie b'mod univoku u assolut michud mill-esperti teknici li fosthom kien hemm ukoll il-persuna orginarjament minnu repitutament suggerita sa mill-1992 u li finalment gie nominat bhala perit addizzjonali, ukoll minnu espressament suggerit. Dawn l-esperti kollha qalu propju diametrikament l-oppost: "is-sitwazzjoni kienet ferm diffirenti milli ppretenda l-intimat li b'semplici tqieghid f'postu ta' *tuner*, dak l-apparat kien isir *television*. Kien jidher li l-post tat-*tuner* kien imblukkat waqt il-process tal-fabbrikazzjoni" - altru milli "it-*tuner* kien hemm u tnehha";

Illi t-talba kontenuta fir-rikors promotorju kienet biex din il-Qorti "joghgobha tilqa' t-talba tieghu ghar-rilaxx favur ir-rikorrent ta' l-oggetti mill-intimat" u fid-dawl ta' l-oggezzjoni ta' l-istess intimat, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza u r-rapporti ta' l-esperti minnha nominati ma tarax li hemm ebda dubju li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

Wara li zzomm impregudikat kwalsiasi dritt iehor li jista' jispetta lir-rikorrent, tilqa' t-talba tieghu kontenuta fir-rikors ta' l-20 ta' April 1989 u tordna lill-intimat jiehu l-passi kollha mehtiega biex il-merkanzija msemmija fir-rikors tigi lilu rilaxxjata fi zmien ghaxart ijiem minn meta dan ir-rikors jghaddi in gudikat.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat."

Minn din is-sentenza appella l-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' rikors datat 14 ta' Frar, 2000;

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll ir-risposta ta' l-intimat ghar-rikors ta' appell (risposta li ggib id-data tat-23 ta' Frar, 2001); rat ukoll in-nota[1] ta' l-appellant Kontrollur tad-Dwana tal-15 ta' Ottubru, 2002 in segwitu ghall-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2002, u tinsab issa fil-posizzjoni li tista tiddeciedi dana l-appell.

Dan huwa appell minn proceduri inizjati minn Victor Petroni *nomine* taht l-Artikolu 73 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37. Il-kumpanija in kwistjoni kienet importat f'Malta oggetti li hija kienet tikkunsidra bhala *monitors* izda li l-Kontrollur tad-Dwana qal li kienu *televisions*. Dawna l-oggetti gew konfiskati mill-Kontrollur tad-Dwana peress li, skond hu, "l-oggetti ma kienux jaqblu mad-dikjarazzjoni (Customs Entry) f'dak li hi denominazzjoni u rata ta' dazju, u wkoll ma jaqblux ma' l-*invoice*" (ara l-kopja tan-Nota ta' Qbid a fol. 4). Ghalhekk il-kwistjoni kollha hija jekk l-oggetti in kwistjoni gewx korrettement meqjusa mill-appellant bhala *televisions* jew jekk kienux fil-fatt semplicement *monitors* kif jallega l-attur appellat.

Din il-Qorti taghmilha cara mill-bidu nett li din mhix kawza ta' stharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 (disposizzjoni li kienet ghadha mhux fis-sehh meta bdiet il-kawza f'April tal-1989 quddiem il-Prim Awla, u li fi kwalunkwe kaz hija eskluza minhabba dak li jipprovdi is-subartikolu (4) ta' l-istess Artikolu 469A), u anqas ma hija xi kawza li setghet tkun kolpita bis-subartikoli (2) jew (3) tal-Artikolu 742 (qabel ma dawn gew imhassra bl-Att XXIV ta' l-1995). Galadarba l-Ordinanza tad-Dwana kienet tipprovdi – kif ghadha sal-lum tipprovdi – ghal proceduri specjali biex wiehed jikkontesta l-qbid maghmul mill-Kontrollur tad-Dwana, il-kawza tiehu l-kors normali taghha

[1] Din in-nota giet maghmula u inserita biss fl-atti tal-process ta' l-appell numru 637/89 FD fl-ismijiet ***Victor Pertoni ghan-nom u fl-interess tal-Kumpanija V. Petroni Ltd v. Kontrollur tad-Dwana***. Din il-Qorti, fi kwalunkwe kaz, qieset din in-nota anke ghall-finijiet ta' dan l-appell, cioe` l-appell numru 422/89 FD.

bhal kull kontestazzjoni ta’ fatt jew ta’ dritt migjuba quddiem il-Prim Awla, minghajr ebda presunzjonijiet specjali li japplikaw favur parti jew ohra.

L-appellant kontrollur tad-Dwana ghandu tlett aggravji. L-ewwel wiehed hu, bazikament, li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ddecidiet li l-oggetti ma kienux *televisions* izda kienu *monitors*. Dana l-aggravju jirrisolvi ruhhu fi kwistjoni ta’ apprezzament ta’ fatti, u senjatament apprezzament taz-zewg perizji teknici kummissjonati mill-ewwel Qorti. Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jippretendi li din il-Qorti tiskarta z-zewg perizji teknici u toqghod fuq il-perit jew espert *ex parte* migjub mill-appellanti fil-persuna ta’ Martin Spiteri li allura kien jokkupa l-kariga ta’ *Manager Radio Communications Services* fid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili. L-affidavit ta’ dan Spiteri sar ghaxar snin wara li kienet inbdiet il-kawza, u dan il-fatt wahdu huwa diga bizzejjed biex inissel dubbju dwar kemm dana x-xhud seta` jiftakar tajjeb u korrettament l-oggetti li kien ezamina aktar minn ghaxar snin qabel. Kemm ir-rapport ta’ l-ewwel zewg periti (Dott. J. M. Ciappara u s-Sur Joseph Galea, fol. 42) kif ukoll dak tal-periti addizjonali (Dott. J. Micallef Stafrace, Joseph Lanzon u Donald Manche`, fol. 89) huma carissimi fil-konkluzzjoni taghhom li l-oggetti kienu *monitors* (intizi ghall-*computers*) u mhux *televisions*. It-tieni rapport in partikolari jghid hekk:

“Is-sett li gie spezzjonat kien chassis ta’ Monitor, u dana bhala haga standard, u s-sitwazzjoni kienet ferm differenti milli pretenda l-intimat li b’semplici tqeghid f’postu ta’ “tuner” dak l-apparat kien isir television. Kien jidher li l-post tat-“tuner” kien imblukkat waqt il-process tal-fabbrikazzjoni.

L-esponent Donald Manche` kien dam xi ghaxar snin impjegat f’Malta mal-MAGRUVISION fuq settijiet Grundig u Seleco u jaf bi produzzjoni ta’ xi kwart ta’ miljun monitor prodotti f’Malta ghall-esportazzjoni li kienu piu` o meno simili ghal dawk mertu tal-vertenza u qatt hadd ma ppretenda li meta MAGRUVISION kienet tesporta l-‘monitors’ kienet tkun qed tesporta t-televisions.

Il-fatt li fuq il-kaxxa tal-kartun kien hemm fejn kien stampat Fisher Colour Television ma jbiddel xejn minn dak li kkonstataw it-tlett periti teknici.

Ghalhekk l-esponenti jidhrilhom li ghandhom jiddikjaraw il-fehma taghhom li l-oggetti in kwistjoni huma 'monitors' u mhux Televisions."

Din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dana r-rigward. Anqas ma huwa argument validu dak migjub mill-appellant fir-rikors tieghu u cioe` li "la l-periti u anqas il-periti perizjuri ma semghu l-ispjegazzjoni tat-teknici tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili" qabel ma rrelataw – il-Qorti semplicement tosserva li ma kien hemm xejn xi jzomm lill-appellant (allura intimat quddiem l-ewwel Qorti) milli jressaq dawn ix-xhieda quddiem il-periti. Evidentement min kien qed jiehu hsieb tal-kawza a nom tal-Kontrollur tad-Dwana quddiem l-ewwel Qorti m'ghamilx xogholu sew.

It-tieni aggravju tal-Kontrollur tad-Dwana hu fis-sens li biex Qorti twarrab l-evalwazzjoni teknika ta' tekniku tal-Gvern, tali evalwazzjoni ta' dan it-tekniku trid tkun <u>manifestament</u> zbaljata. Din il-Qorti, pero`, ma taf b'ebda privilegg li jgawdu "teknici tal-Gvern" fuq teknici nominati bhala periti mill-Qorti, u ghalhekk dana l-aggravju (li minnu nnifsu jirrazenta l-fieragh) ser jigi respint.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li "la darba l-licenzja ta' importazzjoni kienet assoggettat l-importazzjoni ta' l-oggetti in kwistjoni ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili l-istess oggetti qatt ma setghu jigu rilaxxjati fl-assenza ta' dik l-approvazzjoni peress illi fil-mankanza ta' tali approvazzjoni is-socjeta` rikorrenti ma kellhiex licenzja valida biex timporta". Pero` din il-Qorti tara li din il-kwistjoni ta' l-approvazzjoni tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili hija semplicement *side issue* – imqajjma l-ewwel darba mill-intimat Kontrollur tad-Dwana ghaxar snin

wara l-bidu tal-kawza, u precizament bir-rikors tieghu tal-15 ta’ Jannar, 1999 – li ma ghandha x’taqsam xejn mal-vera raguni ghala l-Kontrollur tad-Dwana qabad l-oggetti in kwistjoni. Ir-raguni ghall-qbid hija dik moghtija fin-Nota ta’ Qbid aktar ‘l fuq imsemmija, u anke fir-risposta ghar-rikors promotur tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti (cioe` r-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana tat-12 ta’ Mejju, 1989) ma jissemma’ assolutament xejn dwar l-approvazzjoni o meno ta’ Dipartiment tal-Gvern iehor.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-imsemmi Kontrollur tad-Dwana.

-------------------------------TMIEM-------------------------------